TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 51/17/F

**Arthur u Jacqueline Micallef**

**vs**

**Tarcisio Galea Group**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef ewro (€3,000), rappreżentanti diversi problem li sabu fil-flat illi nxtara mingħand is-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma kienu xtraw flat illi sabu diversi problem inkluż li waqgħu madum mill-kamra tal-banju, kien hemm xquq ukoll fil-bini u l-madum tal-gallarija kellhom jitbiddlu, u x-shower ma baqgħetx tiffunzjona.

It-Tribunal, jinnota illi għalkemm is-soċjeta' ntimata ppreżentat rikors fejn spjegat għaliex m'attendietx għall-ewwel seduta, u talbet lil dana t-Tribunal sabiex jissospendi milli jagħti d-deċiżjoni tiegħu u jappunta seduta oħra, liema talba ġiet milqugħa. Għaldaqstant is-soċjeta' ntimata xorta m'attendietx għat-tieni seduta minkejja li kienet debitament notifikata bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet, u għalhekk ma kkontestatx din it-talba u qisha abbandunat il-kawża.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888